għaqal wieħed jista' jaħrabhom bla ma joqgħod iħabbel rasu wisq. Mark Twain meta kien jidhirlu li fassal f'moħħu storja tajba kien jiktibha xotta, xotta, bla ma jorqomha jew iżejjinha. Iżda dak kien Mark Twain.

Il-kittieb qabel kollox jeħtieġ il-ħerqa li joħloq; din tixgħellu l-fantasija li mbagħad hu jrid jagħraf iħaddem sewwa. Il-kittieb imħarreġ jaf jaħkem l-immaġinazzjoni u ma jħallihiex tieħdu fejn trid hi — min jaf fejn u f'liema stat tal-ħolqien — imma bir-riedni f'idejh iġegħilha tibqa' fid-dinja tal-bnedmin veri u ħajja saħansitra meta jkun qed joħlom ħrafa. Iżda jiġri li ż-żagħżugħ jintilef qalb... (min jaf fiex) li jeżistu biss f'moħħu, meta ma jsibx ruħu f'xi kamra mortwarja fejn il-katavri minxura fuq l-imwejjed ta' rħam ikunu għadhom ftit sħan u l-muskoli tagħhom għadhom iwieġbu għal xi tiġbida jew taħriqa, imma li għajnejhom ċassi, meta mhux diġà biż-żliega, juru li huma bla ħajja.

Wara li tajt xi ħjiel fuq il-lat negattiv, jidhirli li tkun ħaġa sewwa jekk ngħid xi ħaġa fuq il-lat posittiv: kritiku Ingliż huwa u jikkommenta fuq ix-"short story" isemmi tliet punti li fil-fehma tiegħu huma essenzjali biex din tinkiteb tajjeb. Billi naqbel miegħu u nħoss li għandu raġun ser nagħtihom sewwa sew fi kliemu — "unity, coherence and emphasis". Dawn, għallinqas kif nifhimhom jien ifissru: intriċċ, wieħed prinċipali; karattri, dawk biss li għandhom x'jaqsmu direttament ma' l-iżvolġiment ta' l-intriċċ; u arti fil-preżentazzjoni, biex jinxtehet aktar jew inqas dawl fejn u fuq min ikun meħtieġ ħalli tidher aktar jew tinħeba f'xi dell xi persuna jew xi ħaġa iżjed minn oħra u b'hekk l-effett fuq il-qarrej jissokta jiżdied.

Nittama li jidher ċar li fil-kitba ta' dan l-artiklu ma għandi f'moħħi la kritika u lanqas apprezzament ta' xi novelli, la ġewwenin u lanqas barranin. Ħsieb wieħed għandi: li nuri li l-kitba tan-novelli mhix ħaġa ħafifa u li titlob studju serju; li mhux għalkemm tiffantastika "plot" u tħożżu fuq karta. Imma mill-banda l-oħra, li ma tridx taqta' qalbek malajr, għax fi kliem Leo Stein, l-arti tan-novella titlob "intense devotion and persistent effort".

—•—



# IL-MEWT, MULEJ!

## Ta' A. MALLIA ZARB

Xi dwejjaq għandi fuqi, x'ħajja dina,
Taqtigħa din il-ħajja, ġlied bla tmiem;
Jien xbajt, għajejt nissielet mal-għedewwa,
U ruħi nħoss bil-għali għoddha nfniet.
Le, Le, Mulej, kif nista' jien ngħix aktar?
Il-ħajja tatni lili wisq bis-sieq,
Bil-ħarta wiċċi mliet, li kollu niexef
Inxtorob waqt li qalbi nħossha tttieklet
Bl-imrar u l-morr ta' dan il-ġlied qalil.

X'inhu, Mulej, x'inhu das-swied ta' qalbi?
Inħoss qed igħaffeġ tamti toqol kbir.
Għalfejn il-ħajja jekk kollha tbatija,
Taqbid tal-moħħ, tal-qalb, mar-rieda fqira,
Taqbida bla tmiem, sal-mewt, madmad qalil,
Għalfejn, għalfejn il-ħajja, jekk hi twila
Jew qasira, xorta waħda int trid tmut?
U t-tul ma jġib xejn miegħu ħlief tagħbija,
Tkattir ta' ħtija akbar u tad-dnub?

Bla qalb, ħassejt twiddiba mbagħad ġo fija,
Il-ħajja Jien tajthielek biex int tirbaħ;
Hi din il-grazzi, hekk tiżżini ħajr?
Jew taħseb li nħallik titqabad waħdek?
Il-ġenna ma jidħlux baħrin tal-bnazzi,
'żda dawk li batew ħafna u baqgħu sħaħ,
'żda dawk li waqgħu, iva, u reġgħu qamu,
U l-mewt jiħduha dawn bħala serħan.

Int taf, Mulej, li batejt jiena ħafna;
Ħniena, nitolbok, ħniena minn dir-ruħ!
Aħfirli jekk inqastek—iżda fittex
Eħlisni minn dal-kiefer wied tad-dmugħ!

—•—